FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 1 TA' FRAR 2017

Il-Pulizija
(Spett. Michael Mallia u Spiridione Zammit)

Vs

Etienne Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 104277M talli:

1. fil-Fgura nhar it-13 ta' Dicembru 2013, ghall-habta tas-1900pm, ikkommetta serq ta' "tower crane cable", "diesel fuel" u xi oggetti ohra minn sit ta' kostruzzjoni, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-somma ta €2329.37 u li sar ghad detriment ta' Andrea Baldacchino u/ jew persuni jew entitajiet ohra;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri s-somma ta €1164.69 fuq propjeta' privata, liema hsara saret ghad-dannu ta' Andea Baldacchino u/ jew persuni jew entitajiet ohra;
3. sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;
4. kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kolllha:

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal ghall-proceduri jikkoncernaw serqa li saret fit 13 ta' Dicembru 2013 bi prejudizzju tas-socjeta' "Tal-Maghtab Construction". Il-prova dwarha tirrisulta fic-cert. Idem, jirrisultaw univokament l-aggravji tal-valur, 'l fuq minn €2329.37, u mezz (sgass) izda mhux dawk tal-hin u bix-xorta tal-haga misruqa. Fil-konfront  ta' dawn l-ahhar zewg aggravji huma mhumiex sostnuti mill-provi: tal-ewwel (hin) ghab-bazi ta' dak li xehed certu Lauren Zarb (folio 128) u tat-tieni stante li ma jidholx f'ebda paragrafu tal-Artikolu 271 (Kap 9), .

Intant, ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, apparti mis-serq, l-imputat jinsab akkuzat bil-hsara volontarja, li kiser ordni ta' probation u r-recidiva wkoll f'serq.

Fil-konfrant tal-hsara volontarja din tirrizulta kif tirrizulta wkoll l-ksur ta' ordni ta' probation esebita u markata Dok A (fl-ahhar tal-process,ref verbal folio 161).

Mill-atti processwali, il-Qorti minkejja l-fedina penali tal-imputat, ordnat li jsirlu "social inquiry report" li abbinat ma' eventi li segwew, partikolarment r-rapport datat 23 ta' Novembru 2016, ma jghallulha ebda alternattiva ohra hlief li tikkundanna l-imputat prigunerija effettiva.

Tiddikjarah hati skond kif akkuzat, bl-eskluzjoni tal-aggravji tal-hin u x-xorta tal-haga misruqa fis-serq, Rat l-Artikoli 261(b)(c), 263(a),264,267,278(2)(3),279(b),325(1), 17(h), 289, 31, 49,50 u 23 tal-Kap 446. Tikkundannah tlett snin prigunerija.

A.M.Trigona
Magistrat